MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Talba Numru. 97/2008

**Talba Nru: 97/08 PBC**

**Cutajar Limited – (C 4975)**

**-vs-**

**Mary Buttigieg**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet il-hlas tas-somma t'erba' mija u tlieta u tletin Euro u sitta u ghoxrin centezmu (€433.26) – (Lm186) liema ammont huwa dovut ghall-merkanzija konsistenti f'apparat elettroniku mibjugh u kkonsenjat lill-konvenuta fl-4 ta' Gunju, 2007 ghal liema l-konvenuta hallset permezz ta' cheque li ma giex onorat.  Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra legali tal-4 t' Ottubru, 2007 u bl-imghax legali mill-4 ta'

Gunju, 2007 sad-data ta’ pagament effettiv kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma t’erba’ mija u tlieta u tletin Euro u sitta u ghoxrin centezmu (€433.26) – (Lm186), bl-imghax mid-data ta’ notifika tal-Avviz. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------